MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 414/1992/1

**Emanuel Bonello**

**v.**

**Carmen Bonello**

**Il-Qorti:**

## I PRELIMINARI

1. Fit-18 ta' Frar, 1962 Emanuel Bonello, (hawnhekk imsejjah "l-attur" jew "l-appellanti", izzewweg lil Carmen Bonello ("il-konvenuta" jew "l-appellata") u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal.

2. L-attur gie awtorizzat b'digriet moghti mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Marzu 1962, sabiex jipprocedi ghas-separazzjoni personali minn ma' martu.

3. Fl-20 ta' April 1992, Emanuel Bonello pprezenta citazzjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fejn ippremetta illi l-konvenuta martu rrendiet ruhha hatja lejh ta' theddid, eccessi, mohqrija u ingurji gravi u per konsegwenza l-konvivenza ta' bejniethom kienet ilha zmien li saret impossibbli; u ghalhekk l-istess attur talab li ghar-ragunijiet premessi:-
1) Tigi dikjarata s-separazzjoni legali u personali bejn il-kontendenti, b'tort unikament taghha u konsegwentement l-attur jigi awtorizzat jghix separat minn maghha *a mensa et thoro*;

2) Tigi l-istess konvenuta dikjarata li ddekadiet mid-dritt tal-manteniment minghand l-attur;

3) Tigi dikjarata xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

4) Tigi likwidata l-istess komunjoni ta' l-akkwisti u maqsuma f'zewg partijiet mhux necessarjament ugwali u wahda minn dawn il-partijiet tigi assenjata lill-attur u l-ohra lill-konvenuta b'tali mod li, jekk ikun il-kaz, il-konvenuta titlef kull jedd li ghandha ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru bil-hidma ta' l-attur;

5) Jigi nominat nutar pubbliku biex jippubblika l-att ta' divizjoni opportun fil-jum, hin u lok li jigi wkoll iffissat mill-Qorti;

6) Jigi nominat kuratur biex jirrapprezenta l-kontumaci fuq l-istess att;

7) Jigu applikati kontra l-konvenuta interament il-kumplament ta' l-effetti kontemplati fl-Artikoli 51 u 55 tal-Kodici Civili (Kap. 12) – bl-ispejjez.

4) Min-naha taghha l-konvenuta pprezentata nota ta’ l-eccezzjonijiet fis-17 ta’ Gunju 1992, li biha ecceppiet li
“huwa fatt illi l-konvivenza bejn il-kontendenti m’ghadhiex aktar possibbli izda dan minhabba tortijiet ta’ l-attur u mhux taghha. Di fatti l-eccipjenti gia` intavolat hi wkoll proceduri ta’ separazzjoni kontra zewgha (Cit. Nru. 454/92RCP u ghalhekk iz-zewg azzjonijiet ghandhom jimxu flimkien.”

Bhala fatt, il-iawza odjerna tmexxiet kontestwalment mal-kawza 454/92 appena accennata mill-konvenuta.

5 Fl-24 ta’ Frar 2005, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tat is-sentenza taghha, li dispositiv taghha jghid hekk:-
“Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta in kwantu l-istess huma inkompetenti [recte: inkompatibbli] ma’ dak hawn deciz, **u filwaqt li tichad it-tieni, l-hames, sitt u seba’ talba attrici *stante* li mhux applikabbli ghall-kaz odjern u t-tieni u l-ahhar talba huma infondati fil-fatt u fid-dritt, tilqa’ t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn premess** b’dan illi:-

1. Tilqa’ l-ewwel talba biss fis-sens hawn deciz u tippronunzja bejn il-kontendenti s-separazzjoni personali minhabba htijiet ta’ l-attur u tiddikjara li l-istess attur kien hati *verso* l-konvenuta ta’ eccessi, sevizzi, inkluzi swat, mohqrija, ingurji gravi, abbandun u adulterju li kawza ta’ l-istess iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment, u ghalhekk jirrizulta li l-attur kien principarjament hati ghal din il-firda personali; tiddikjara wkoll li minhabba dan l-agir ta’ l-attur u wkoll minhabba l-inkompatibilita` ta’ karattru l-hajja konjugali ta’ bejn il-partijiet ma’ ghadhiex aktar possibbli;

2. Tichad din it-talba *stante* li mhux il-kaz li jigi ddikjarat li l-konvenuta iddekadiet mid-dritt ta’ manteniment kif mitlub mil-attur – izda l-konvenuta rrinunzjat ghall-istess abbazi tad-dikjarazzjoni taghha fil-kuntratt datat l-1 ta’ Gunju 1999;

3. Tilqa’ din it-talba u tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn il-partijiet u dan b’effett mill-1 ta’ Gunju 1999 u dan anke permezz ta’ kuntratt pubbliku ta’ l-istess data pubblikat min-Nutar Carmelo Mangion;

4. Tilqa’ din it-talba u tillikwida r-rimanti assi tal-komunjoni tal-akkwisti li kienet ezistenti bejn il-konjugi u tiddividi u tassenja l-istess skond kif indikat f’din is-sentenza b’dan illi tordna u tiddeciedi:-

(a) Illi it-tmien t’elef (8,000) sehem tal-Mid Med Bank ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet, flimkien mad-dividendi kollha li aggrixxew fuq l-istess ishma sad-data tad-divizjoni effettiva;

(b) Illi l-partijiet ghandhom ukoll jaqsmu ugwalment bejniethom l-ammont ta’ elef Lira Maltija (Lm1,000) depositati fl-Bank of Valletta plc;

(c) Illi l-poloz kollha ta’ assikurazzjoni indikati mill-perit legali u anke msemmija mill-konvenut a fol. 639 tal-process Citaz. Numru 414/92 ghandhom ukoll jigu lkoll likwidati u r-rikavat jinqassam bejn iz-zewg partijiet (CB7);

(d) Illi l-mara Carmen Bonello qed tigi assenjata l-mobbli u l-ghamara kollha ezistenti fid-dar konjugali “l-Orangerie”, Triq l-Uqija, ta’ l-Ibragg, kif deskritti fir-rapport tekniku ta’ Alfred Camenzuli, u dan kif determinat ukoll mill-istess Perit Legali Dr. Peter Fenech, b’dan li Emanuel Bonello ghandu jigi kkompensat bl-ammont ta’ erbat elef lira Maltija (Lm4,000) li ghandhom jigu mhallsa lilu minn martu w ukoll l-istess Carmen Bonnello ghandha tikkonsenja lil zewgha tlett vazuni kbar hemm indikati. Ghall-fini ta’ pratticita` dan l-ammont ser jigi mnaqqas mill-ammont ikbar li l-istess Emanuel Bonello qed jigi kkundannat li jaghti lil martu abbazi ta’ paragrafu (g) ta’ din is-sentenza;

(e) Illi Emanuel Bonello qed jigi assenjat il-mobbli kollha ezistenti fil-fond “Evita”, Sqaq Imnieqa, Naxxar, kollox kif deskritt mill-istess perit tekniku fl-imsemmi rapport tieghu w ukoll abbazi tar-ragonamenti maghmula mill-perit legali, li f’dan il-kaz din il-Qorti qieghda wkoll taddotta;

(f) Illi Carmen Bonello qed tigi assenjata l-vettura Peugeot 205 Reg. No. IAW – 098, filwaqt li Emanuel Bonello qed jigi assenjat l-vettura Reg. NO. CAS – 287, liema karozzi gja jinsabu fil-pussess rispettiv ta' kull parti; il-karozza tal-marka Morris ghandha tinbiegh u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet f'porzjonijiet ugwali bejniethom;

(g) Illi Emanuel Bonello ghandu jhallas lil Carmen Bonello s-somma ulterjuri ta' hamest elef, tlett mija, sitta u hamsin Lira Maltin u hamsin centezmu (Lm5,356.50) rappresentanti nofs l-ammont tas-somma ta' ghaxart elef, seba' mija u wiehed u tlettin Lira Maltin (Lm10,731) li r-ragel jammetti li zbanka meta telaq mid-dar konjugali. Peress li Carmen Bonello ghandha tghati lil zewgha l-ammont ta' erbghat elef Liri Maltin (Lm4,000) kif indikat f'paragrafu (d) hawn indikat, jirrizulta li Emanuel Bonello ghandu jhallas lil martu l-ammont ta' elef, tlett mija u sitta u hamsin Liri Maltin u hamsin centezmu (Lm1,356.50);

(h) Illi il-kreditu ta' Emanuel Bonello kontra certu Joseph Doublesin skond skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu datata 8 ta' Marzu 1990 u li huwa insinwat fl-ammont ta' sittax-il elef Liri Maltin (Lm16,000) ghandu jinqasam bejn il-partijiet kemm f'dak li huwa kapital u kemm f'dawk li huma interessi;

(i) Illi d-dejn kollu dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni bhala taxxa ghandhom jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet kif gie indikat mill-istess perit legali fir-relazzjoni tieghu;

(j) Illi tordna lil Emanuel Bonello sabiex ihallas lil Carmen Bonello s-somma ulterjuri ta' sbatax-il elf u hamsin lira Maltija (Lm17,050) rappresentanti sehem Carmen Bonello mill-proprjetajiet li Emanuel Bonello biegh lil terzi u li huwa wahdu inkassa l-prezz taghhom u liema proprjetajiet gew indikati mill-perit legali f'paragrafu 26 tar-relazzjoni tieghu, u din il-Qorti taddota r-ragonament tal-perit legali f'dan ir-rigward;

(k) Illi kull dejn intavolat [recte: talvolta] dovut lil Vincent u Alfred Borg qed jigi assenjat esklussivament lil Emanuel

Bonello, li in verita` amministra huwa dejjem l-istess; filwaqt li kull dejn dovut lill-Ministeru ta' l-Ambjent kif indikat f'paragrafu 28 tar-relazzjoni peritali ghandu jinqassam bin-nofs bejn il-partijiet;

(l) Illi Emanuel Bonello ghandu jhallas l-ammont ta' cens indikat fir-relazzjoni peritali b'effett minn Ottubru 1991 sad-data tas-sentenza bir-rata ta' mitt Lira Maltija (Lm100) fis-sena u dan skond kif indikat f'paragrafu wiehed tar-relazzjoni peritali;

(m) kull pensjoni dovuta lil Emanuel Bonello ghandha tinqasam bin-nofs bejn il-partijiet b'dan li nofs l-istess pensjoni u allura kull pensjoni li tithallas lil Emanuel Bonello ghandha tithallas lil Carmen Bonello u allura ghandha tinbaghat direttament lilha u ghalhekk ghal dan l-iskop kopja ta' din is-sentenza ghandha tigi notifikata lill-persuni u entitajiet li johorgu tali pensjoni sabiex jaderixxu ruhhom ma' l-istess;

(n) Illi Emanuel Bonello ghandu jhallas ukoll l-ammont ulterjuri ta' elfejn, tmien mija u hamsin lira Maltija (Lm2,850) rappresentanti arretrati ta' manteniment kif ikkalkulati mill-perit legali f'paragrafu 3 tar-relazzjoni tieghu, b'dan li s-sottomissjonijet ta' kull parti qed jigu rigettati minn din il-Qorti;

(o) Illi fl-ahharnett Emanuel Bonello ghandu wkoll ihallas lil martu l-ammont ulterjuri ta' tlett elef, tmien mija u disgha u hamsin lira Maltija (Lm3,859) rappresentanti sehma mis-somma kapitalizzata ta' pensjoni li huwa rcieva, kollox abbazi ta' dak indikat mill-bravu perit legali fir-relazzjoni peritali tieghu f'paragrafu 4 ta' l-istess relazzjoni;

5. Tichad din it-talba *stante* li ma hemmx bzonnha;

6. Tichad din it-talba *stante* li ma hemmx bzonnha;

7. Tichad din it-talba *stante* li ma' tapplikax ghall-kaz *de quo*;

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jibqghu a karigu ta' l-attur.

Illi *inoltre* minhabba li l-partijiet abbuzaw mill-proceduri quddiem din il-Qorti u dan huwa rifless kemm mill-mod li l-partijiet resqu l-provi taghhom u kif il-partijiet irregolaw il-gbir tal-provi u kif ukoll minhabba n-nuqqas ta' kull parti f'din il-kawza li tressaq il-provi taghha fi zmien ragonevoli u fit-termini ndikati mill-Qorti, tant li jirrizulta mill-verbali quddiem il-Qorti diversament presjeduta, u kif anke mis-seduti mizmuma quddiem dak li kienet il-Perit Legali, li nzammu diversi seduti izda provi ma tressqux mill-partijiet, b'dan li jirrizulta bla ebda dubju li z-zewg partijiet tawlu l-proceduri bla bzonn anke minhabba l-pika esegerata taghhom, u fil-fatt din il-kawza qed tinqata' biss illum wara kwazi tlettax-il sena u ghalhekk din il-Qorti b'applikazzjoni tal-**paragrafu 10 tal-Iskeda "A" tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** tordna lil kull parti thallas is-somma ta' elf lira Maltija (Lm1,000) bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlasijet ghandhom isiru minn kull parti fi zmien tlettin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza."

**<u>II L-APPELL</u>**

6. L-attur Emanuel Bonello hassu aggravat minn din is-sentenza u ghaldaqstant appella minnha quddiem din il-Qorti permezz ta' rikors ta' appellipprezentat fis-16 ta' Marzu, 2005. L-attur appellant indika diversi aggravji li ser jissemmew aktar tard f'din is-sentenza.

Ghalhekk, l-appellant talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi

1) tirrespingi l-eccezzjoni tal-konvenuta appellata;

2) tilqa' t-talba ta' l-attur kif dedotta fic-citazzjoni billi tiddikjara s-separazzjoni legali u personali bejn il-kontendenti, izda' b'tort unikament tal-konvenuta appellata;

3) tordna, fir-rigward tal-paragrafu 4(d) sabiex il-mobbli ezistenti fil-fond Orangerie, Triq il-Uqija, Swieqi, jigu divizi u assenjati bejn il-partijiet f'ishma indaqs bejniethom;

4) tordna, fir-rigward tal-paragrafu 4(j) tas-sentenza appellata, li l-appellant ihallas lill-konvenuta appellata s-somma ta' Lm14,200 minflok is-somma ta' Lm17,050;

5) tordna, fir-rigward tal-paragrafu 4(k) tas-sentenza apellata illi d-dejn imsemmi f'dan il-paragrafu ghandu jithallas mill-partijiet f'ishma indaqs bejniethom;

6) tiddikjara fir-rigward tal-paragrafu 4(l) tas-sentenza appellata illi l-ebda cens ma huwa dovut;

7) tordna, fir-rigward tal-paragrafu 4(m) illi kull pensjoni dovuta lill-appellant tigi percepita minnu esklussivament;

8) tordna u tikkundanna lill-konvenuta appellata, fir-rigward tal-paragrafu 4(o) tas-sentenza appellata thallas lill-appellant s-somma ta' elf tlett mija u sitta u sittin lira Maltin (Lm1,366); u

9) tiddeciedi u tordna illi l-kreditu ta' Carmen Gatt u Elizabeth Muscat kif ukoll id-debitu dovut lil Victor Eminyan jigu assenjati lkoll lill-konvenut (sic) filwaqt li tordna lill-appellanti jhallas lil martu nofs ir-rimanenti bilanc u dan wara li tirrevoka, thassar u tannulla dawk il-partijiet ta' l-istess sentenza li taghhom qeghda tintalab ir-riforma kif fuq inghad u tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament taghha; b'dan pero` illi ghar-rigward l-ahhar parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant gie ordnat ihallas is-somma ta' elf lira Maltija bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, billi m'hemmx appell minn din l-ordni, l-esponenti qieghed minn issa jirriserva d-drittijiet kollha tieghu, inkluz rimedji ghal ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellata Carmen Bonello.

7. Min-naha taghha, l-appellata Carmen Bonello kkontestat dan l-appell b'risposta prezentata fl-4 ta' April 2005 fejn sostniet li s-sentenza appellata hija ekwa u gusta u ghalhekk ghandha tigi kkonfermata ghal dak li jirrigwarda l-assenjazzjoni tat-tort ghat-tkissir taz-zwieg lil Emanuel Bonello. Hija stqarret ukoll li s-sentenza appellata hija gusta wkoll fejn applikat is-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 u 50 tal-Kodici Civili kontra Emanuel Bonello.

8. Madankollu, billi l-appellata thoss li haqqha parti akbar mill-komunjoni ta' l-akkwisti minn dik assenjata lilha, hija pprevalixxiet ruhha mid-dritt taghha skond l-Artikolu 240 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk intavolat ukoll appell incidentali. L-appellata hassitha aggravata mid-decizjoni appellata dwar il-porzjon tal-komunjoni ta' l-akkwisti li l-ewwel Qorti assenjat lilha per konsegwenza tat-tortijiet mhux zghar ta' Emanuel Bonello fil-konfront taghha. Fl-appell incidentali taghha l-appellata ssemmi diversi aggravji u dawn ser jigu konsiderati aktar tard f'din is-sentenza.

Ghalhekk l-appellata talbet lil din il-Qorti tichad l-appell principali ta' Emanuel Bonello bl-ispejjez ta' din l-istanza, u li s-sentenza appellata tigi:
1. Konfermata f'dak li jirrigwarda l-assenjazzjoni tat-tort fis-separazzjoni unikament lil Emanuel Bonello;

2. Konfermata dik il-parti tad-decizjoni fejn l-Onorabbli Qorti ddecidiet li jigu applikati s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 u 50 tal-Kodici Civili fil-konfront ta' Emanuel Bonello (para. nru. 2 tal-konkluzjoni ta' l-Onor. Qorti, pagna 290);

3. Riformata l-bqija tas-sentenza billi:

(i) Emanuel Bonello jigu kkundannat ihallas is-somma ta' Lm2,230 lill-esponenti rapprezentanti renti migbura mill-istess Emanuel Bonello proprjeta` tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

(ii) Tiddikjara li Emanuel Bonello ma ghandux dritt jigi kumpensat bis-somma ta’ Lm4,000 da parti ta’ l-esponenti ghall-mobbli u ghamara ezistenti fid-dar “Orangerie”, Triq il-Uqija, ta’ l-Ibragg u tikkonferma l-bqija ta’ dak deciz mill-Onorabbli Qorti fil-paragrafi (d) pagna 21 u 26 tas-sentenza;

(iii) Tiddikjara li l-appellata ma ghandhiex taghti s-somma ta’ Lm4,000 lil Emanuel Bonello bhala kumpens tal-mobbli u ghamara ezistenti fid-dar “Orangerie”, Triq il-Uqija, Ibragg, tikkonferma l-bqija tal-paragafi (g), pagni 22 u 27 tad-decizjoni;

(iv) Illi filwaqt li tikkonferma l-kontenut tal-paragrafi (f) f’pagni 22 u 27 tad-decizjoni, b’mod addizzjonali ma’ l-istess paragrafi tordna lil Emanuel Bonello jhallas l-ammont ta’ Lm1,625, rapprezentanti nofs id-differenza fil-valur tal-vetturi, lill-esponenti;

(v) Illi filwaqt li tikkonferma l-kontenut tal-paragrafi (k) pagni 23 u 28 tad-decizjoni, tvarja l-paragrafi (i) pagni 23 u 28 tad-decizjoni, fis-sens illi tordna li d-dejn dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghandu jithalas unikament minn Emanuel Bonello b’eskluzjoni ta’ l-esponenti;

(vi) Illi tvarja l-paragrafu (j) pagni 23 u 28 tad-decizjoni, fis-sens illi filwaqt li tikkonferma li l-appellata ghandha dritt ghal nofs il-valur tal-proprjeta` in kwistjoni, tiddikjara li nofs il-valur ta’ l-istess propjreta` li ghandha tigi assenjata minn Emanuel Bonello lil Carmen Bonello hija s-somma ta’ mija u sebat elef liri Maltin (Lm107,000) u mhux sbatax-il elf u hamsin liri Maltin (Lm17,050), kif indikati mill-ewwel Onorabbli Qorti;

(vii) Tvarja l-paragrafi (o) pagni 24 u 29 tad-decizjoni billi flok l-esponenti tigi assenjata l-ammont ta’ Lm3,859, tordna li Emanuel Bonello jaghti lill-appellata s-somma ta’ Lm5,275;

(viii) Tvarja l-paragrafi (n) pagni 24 u 29 tad-decizjoni fis-sens illi s-somma rapprezentanti arretrati ta’

manteniment dovuti lill-appellata ghandha tkun dik ta' Lm34,425 u mhux ta' Lm2,850 kif erronjament indikata mill-ewwel Onorabbli Qorti;

Filwaqt li tikkonferma l-bqija tal-kontenut tad-decizjoni, b'dan pero` illi b'referenza ghall-ahhar parti tad-decizjoni fejn l-appellata giet ordnata thallas is-somma ta' Lm1,000 bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, stante li ma hemmx dritt ta' appell f'dan il-konfront, l-appellatai qeghda minn issa tirriserva d-drittijiet taghha fl-intier taghhom, inkluz rimedji ghal ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem skond il-ligi.  Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra Emanuel Bonello.

## III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

9. Din il-Qorti sejra titratta u tiddeciedi l-aggravji msemmiija mill-appellant fl-ordni li huwa jelenkahom fir-rikors ta' appell tieghu. Madankollu, fejn l-istess kwistjoni titqajjem fl-appell incidentali intavolat mill-appellata, allura, din il-Qorti sejra titratta z-zewg aggravji kontestwalment. Wara, imbaghad titratta l-punti ulterjuri sollevati fl-imsemmii appell incidentali ta' l-appellata.

### (i) Tort tas-separazzjoni

10. Illi l-appellant hassu aggravat bid-decizjoni moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti li attribwietlu l-htija ghat-tkissir taz-zwieg tal-kontendenti.  L-attur appellanti jaccenna dettaljatament ghax-xiehda li taw diversi qraba u persuni ohra midhla tal-konjugi Bonello li taw tul is-smigh tal-kawza u li kkorrobaw id-deposizzjoni tieghu.  Skond l-appellant mhux possibbli wara li jigi konsiderat il-kontenut kollu ta' dawn id-deposizzjonijiet, li l-appellata tigi skolpata minn kull htija ghall-firda, filwaqt li huwa jigi pingut b'mod li ma jirriflettix dak li hu verament kien fiz-zwieg.  Huwa ssottometta li l-appellata kienet principalment responsabbli ghall-firda.

Min-naha taghha, l-appellata rrispondiet ghal dan l-aggravju billi hija wkoll accenntat ghall-provi li ngabru tul il-kawza u rriteniet li din il-Qorti ghandha tasal ghall-konkluzjoni li d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti

"f'dak li jikkoncerna t-tort tas-separazzjoni kienet korretta mija fil-mija u dan l-aggravju da parti ta' l-appellant huwa biss tentattiv ulterjuri iehor tieghu sabiex itawwal proceduri li ilhom snin twal ghaddejjin sabiex jirrita u jkompli, skond hu, jumilja lill-esponenti u ma jhallihiex tghix il-bqija ta' hajjitha fil-kwiet." (fol. 816)

11. Wara li regghet fliet bir-reqqa l-provi eccessivament voluminuzi kollha mressqa mill-kontendenti, din il-Qorti hija tal-fehma li l-aggravju msemmi mill-attur appellanti ghandu jintlaqa' in parte peress li jidher car ghal din il-Qorti li dan iz-zwieg tkisser ukoll minhabba l-karattru ferm difficli tal-konvenuta li jispikka b'certi eccessi bhal inkejja, nuqqas ta' rispett, pika, ingurji, mohqrija u agir provokanti li minghajr dubju rrenda l-konvivenza tal-konjugi difficli hafna. Dan il-karattru difficli tal-konvenuta jirrizulta sodisfacentement mhux biss mix-xiehda ta' l-appellant u ta' wliedu izda wkoll mix-xiehda moghtija minn diversi persuni indipendenti, bhal Dun Vincent Demicoli, Prof. Dun Gwann Frendo, l-Avukat Dr. Anthony Bartolo u l-mara tieghu Sylvana Bartolo u Dun George Frendo. Ghalhekk din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li l-konvenuta kkontribwiet ukoll ghat-tkissir taz-zwieg taghha. Inoltre, il-Qorti ma thossx in-necessita` li telabora dettaljatament dwar dan, izda tillimita ruhha billi taghmel riferenza ghad-diversi siltiet mid-deposizzjonijiet tax-xiehda elenkati mill-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu.

12. Certament, ma ghandhiex ragun l-appellata li titlob li din il-Qorti li ma tiehux konjizzjoni tad-diversi xiehda li gew indikati mill-appellant fir-rikors ta' appell tieghu billi dawn jinsabu fi process iehor[1] u ghaldaqstant ma jiffurmawx parti mill-processi appellati. Jirrizulta li t-tlett kawzi bejn il-kontendenti, cioe 414/92, 454/92 u 513/92, kienu mexjin flimkien tant li l-konvenuta stess tirreferi u tirrispondi specifikatament ghal dawn l-istess xiehda li jinsabu fil-process 513/92 fl-affidavit taghha, kif jirrizulta wkoll min-nota taghha fol. 287 u 288 tal-process 414/92. Fi kwalunkwe kaz, din il-kwistjoni ssollevata mill-appellata,

[1] Cit. No. 513/92/RCP fl-ismijiet: Emanuel Bonello v. Carmen Bonello cedudt fis-17 ta' Gunju, 2004.

illum tinsab sorvolata billi din il-Qorti, kienet ordnat fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2005, li l-atti ta' l-imsemmi process 513/92 (li kienu proceduri ta' annullament taz-zwieg) jigu allegati ma' l-odjerni proceduri.

13. Din il-Qorti lanqas ma ghandha ebda dubju li l-appellant ikkontribwixxa wkoll ghat-tkissir taz-zwieg tieghu. Mill-provi prodotti jirrizulta li l-appellant kien hati ta' eccessi, sevizzi, mohqrija, ingurji gravi u adulterju fil-konfront ta' martu. Anke f'dan ir-rigward, din il-Qorti ma thoss l-ebda necessita` li telabora aktar, apprti dak li se jinghad fil-paragrafu li jmiss.

14. Dwar l-adulterju ta' l-appellant, din il-Qorti ma tistax taqbel mieghu li "*ma ngabet l-ebda prova gravi, preciza u konkordata kif trid il-ligi sabiex jigi pruvat l-adulterju…*[2]" Fil-fatt jidher car li l-appellant kellu relazzjoni ma' mara ohra waqt li kien ghadu jikkoabita ma' l-appellata tant li eventwalment mar joqghod ma' din l-istess persuna. Madankollu x'aktarx li huwa l-kaz li din ir-relazzjoni adultera ta' l-attur kienet pjuttost ir-rizutat ta' zwieg li kien diga` sfaxxa, aktar milli kienet il-kawza tat-tkissir innifsu ta' l-istess zwieg.

15. Ghalhekk din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi kull parti hija hatja fil-konfront tal-parti l-ohra ta' tortijiet li rrendew il-konvivenza komuni difficli hafna u b'hekk, it-tnejn li huma kkontribwew biex iz-zwieg taghhom jitkisser irrimedjabilment. Konsegwentment qeghda tilqa' in parti l-aggravju ta' l-appellant fis-sens hawn fuq imsemmi.

**<u>(ii) Divizjoni u Assenjazzjoni tal-Komunjoni ta' l-Akkwisti</u>**

16. Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant isemmi diversi aggravji fil-konfront tad-divizjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ordnata mill-ewwel Qorti. Imiss issa li dawn l-istess aggravji jigu kunsidrati wiehed wara l-iehor.

[2] Ara pagna 6 tar-rikors ta' appell.

***(a) Ghamara tal-fond l-"Orangerie", Triq il-Uqija, tal-Ibragg***

17. L-appellant irrifera ghall-paragrafu 4(d) tad-disposittiv tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti assenjat il-mobbli u l-ghamara kollha ezistenti fid-dar konjugali l-"Orangerie", Triq l-Uqija, Ibragg, lill-appellata. Hawnhekk dik il-Qorti mxiet fuq ir-ragunament moghti mill-Perit Legali, Dr. Peter Fenech, li bbaza ruhu fuq il-valuri tal-mobbli kif indikati fir-rapport tal-Perit Tekniku Alfred Camenzuli, u waslet ghall-konkluzjoni li Emanuel Bonello ghandu jigi kkumpensat bis-somma ta' Lm4,000. L-appellant sostna li huwa ma jaqbilx mal-konkluzjonijiet milhuq mill-Perit Legali u li l-ewwel Onorabbli Qorti addottat fis-sentenza taghha. L-appellant irrileva li fl-imsemmija dar hemm numru ta' oggetti mobbli li huma antiki u li l-valur taghhom japprezza maz-zmien. Barra minnhekk l-attur jghid li l-valutazzjoni ta' l-espert tekniku saret snin ilu u *"li l-istess mexa u espleta l-inkarigu tieghu a bazi tal-mandat ta' deskrizzjoni u mhux fuq l-istat u l-valur veru tal-mobbli valutati."* L-appellanti zied jghid li hu kien telaq mid-dar minghajr ma ha xejn minn go l-istess dar matrimonjali u li kellu jerga' jghammar id-dar residenzjali tieghu mill-gdid a spejjez tieghu. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appellant issottometta li ghandha tigi addottata l-alternattiva l-ohra msemmija mill-Perit Legali, u cioe` li l-oggetti jigu divizi bejn il-partijiet jew altrimenti li l-appellata tigi ordnata thallsu nofs is-somma indikata mill-espert tekniku bhala l-valur ta' l-oggetti mobbli indikati.

18. L-appellata mhux biss opponiet din is-sottomissjoni ta' l-appellant izda, fl-appell incidentali taghha, sostniet li din il-Qorti ghandha tiddikjara li l-appellant ma ghandux dritt li jigi kompensat bis-somma ta' Lm4,000, la darba z-zwieg tkisser unikament tort tieghu. Dan l-aggravju ta' l-appellata, evidentement ma jistax jintlaqa', billi din il-Qorti diga` walset ghall-konkluzjoni li z-zewg partijiet ikkontribwew ghat-tkissir taz-zwieg taghhom.

19. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' l-appellant li l-mobbli fid-dar konjugali ghandhom jigu divizi materjalment bejn il-

kontendenti u dan ghar-raguni spjegata fir-relazzjoni tal-Perit Legali.

20. Dwar il-pretensjoni ta' l-appellant li l-appellata ghandha thallsu nofs il-valur ta' l-istess mobbli skond kif dawn gew stmati mill-espet tekniku, din il-Qorti rat il-lista ta' l-oggetti li jinsabu f'din id-dar skond ir-relazzjoni maghmlula mill-Perit Tekniku Alfred Camenzuli (fol. 587 – fol. 596 tal-process 454/92) u hadet in konsiderazzjoni l-konkluzjonijet milhuqa mill-Perit Legali Dr. Peter Fenech (fol. 558 tal-process 454/92) u sussegwentement il-provvediment li tat l-ewwel Qorti dwar il-kompensazzjoni dovuta lil Emanuel Bonello mill-ghamara fil-pussess tal-konvenuta. Fil-fehma tal-Qorti, dak ikkonstatat mill-ewwel Qorti dwar din il-kwistjoni ma jirriflettix b'mod ekwu kif ghandha ssir il-qasma tal-mobbli li jinsabu fl-imsemmija dar konjugali. Jirrizulta li l-istess mobbli gew debitament stmati mill-espert tekniku, u allura l-Qorti ma tistax taqbel mal-konkluzjoni milhuqa fir-relazzjoni tal-Perit Legali, u sussegwentement addottata mill-Qorti, fejn jinghad:-
"tenut kont li hemm percentagg ta' affarijiet li ma ghandhomx uzu ghax qodma u miksurin, li qed jigu valutati fl-ammont ta' lett elef liri Maltin (Lm3,000) u tenut kont li jekk kellhom jinbieghu ma jgibux il-valuri li fil-verita` jiswew u gew debitament stmati, l-espert qieghed jiddeciedi din il-vertenza billi jillikwida s-somma ta' Lm4,000 bhala sehmu mill-mobbli…" (fol. 550 tal-process 454/92)

21. Fil-fehma ta' din il-Qorti il-Perit Legali ma kellux il-kompetenza teknika u lanqas kien mistenni minnu li huwa jaghmel bhal speci ta' ri-evalwazzjoni ta' l-ishma maghmula mill-Perit Tekniku. Skond ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku Alfred Camenzuli l-ammont totali tal-beni li jinsabu f'din id-dar huwa ta' circa Lm18,030 (fol. 588 tal-process 454/92), izda minn dan l-ammont jridu jitnaqqsu Lm1,000 ghall-karozza Peugeot 205 li tinsab fil-pussess ta' Carmen Bonello (u li gustament l-ewwel Qorti assenjat lilha) u kif ukoll Lm500 li huma l-istima tal-karozza Morris Marina u li l-ewwel Qorti ddecidiet li din ghandha tinbiegh u li l-flus ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-

kontendenti. Ghalhekk, il-bilanc tal-valur tal-mobbli li jinsabu fid-dar l-"Orangerie" huwa ta' Lm16,530. Din il-Qorti jihdrilha li l-aggravju ta' l-appellant huwa gustifikat u ghalhekk qed tilqa' l-aggravju tieghu in kwantu li qed tikkonkludi li Carmen Bonello ghandha tikkompensa lil Emanuel Bonello bis-somma ta' Lm8,265 bhala nofs is-sehem tieghu mill-mobbli li jinsabu fid-dar konjugali l-"Orangerie", Triq l-Uqija, Tal-Ibragg.

***(b) Proprjeta` trasferita mill-appellant li kienet taghmel parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti.***

22. Il-paragrafu 4(j) tad-dispositiv tas-sentenza appellata gie kritikat kemm fl-appell principali ta' l-appellant kif ukoll fl-appell incidentali ta' l-appellata. Jidher mill-appelli rispettivi taghhom li z-zewg kontendenti hassewhom aggravati dwar id-decizjoni mehuda mill-ewwel Qorti fir-rigward tas-somma ta' Lm17,050, li skond l-ewwel Qorti, l-appellant ghandu jaghti lill-konvenuta bhala s-somma rapprezentanti s-sehem taghha mill-proprjeta` li huwa kien biegh lil terzi u li huwa wahdu kien inkassa l-prezz relattiv taghha. Tali proprjeta` kienet fil-fatt taghmel parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti. L-ewwel Qorti addottat il-konkluzjoni milhuqa mill-Perit Legali dwar din il-kwistjoni. L-appellant jissottometti li:
"se mai, ma ghandux jigi kkunsidrat il-valutazzjoni tal-Perit Tekniku, izda biss il-kuntratt in atti tan-Nutar Dr. Anthony Attard tal-4 ta' Frar 1992 (fol. 332 et seq. 454/92 RCP) minn fejn jirrizulta illi l-esponenti trasferixxa favur terzi diversi porzjonijiet ta' art ghall-prezz globali ta' Lm28,400. Ghaldaqstant is-somma li l-esponenti ghandu jigi ordnat ihallas lill-konvenuta appellata ghandha fil-fehma ta' l-esponenti tkun ta' mhux aktar minn Lm14,200 u mhux Lm17,050." (fol. 807)

23. Mill-banda l-ohra l-appellata tghid, fl-appell incidentali taghha, li l-ammont ta' Lm17,050 ma jirrapprezentax nofs il-valur ta' dawn il-proprjeta`. Hija tkompli billi ssostni li l-imsemmija proprjeta` hija f'zona popolari hafna u tghid testwalment hekk:-

"ma hemmx ghalfejn wiehed ikun perit sabiex jistma li mill-anqas it-tlett idjar jiswew mizerjament LM60,000-il wahda u l-ghelieqi mas-Lm17,000-il wahda." (fol. 827).

Ghalhekk hija tghid li nofs sehma min din il-proprjeta` tammonta ghal Lm107,000.

24. Din il-Qorti ezaminat ic-crikostanzi li jirrigwardaw it-trasferiment ta' din il-proprjeta`, u kif ukoll regghet fliet bir-reqqa r-rapport maghmul mill-Perit Rene` Buttigieg (fol. 579 tal-process 454/92), fejn l-imsemmi perit jaghti l-valur iddikjarat fuq il-kuntratt u l-valur vigenti fl-1992, cioe` meta sar it-trasferiment tal-proprjeta`, u kif ukoll il-prezz attwali ta' meta saru l-istimi, jigifieri l-1997. Inoltre ezaminat il-konkluzjonijiet milhuqa mill-Perit Legali u hija tal-fehma li sew il-Perit Legali u kif ukoll l-ewwel Qorti kienu gusti fil-konsiderazzjonijiet taghhom dwar din il-kwistjoni. Ghalhekk a skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti qed tikkonferma dak deciz mill-ewwel Qorti fil-paragrafu 4(j) tad-decizjoni taghha u ghaldaqstant mhux qed tilqa' l-aggravu sew ta' l-attur appellanti dwar din il-kwistjoni u lanqas ma hi qeghda tilqa' l-aggravju tal-konvenuta appellata fl-appell incidentali taghha. Ghalhekk l-attur ghandu jaghti s-somma ta' Lm17,050 lill-konvenuta Carmen Bonello ghas-sehem taghha mill-proprjeta` li huwa kien ittrasferixxa – sewwa sew kif iddecidiet l-ewwel Onorabbli Qorti.

### *(c) Dejn dovut lil Vincent u Alfred Borg*

25. Emanuel Bonello hassu aggravat bid-decizjoni ta' l-ewwel Qorti dwar id-dejn dovut lil Vincent u Alfred Borg u li l-ewwel Qorti, f'para. 4(k), ikkonkludiet li tali dejn kellu jithallas biss mill-appellant. L-appellant isostni li dan id-dejn sar ghal skopijiet ta' negozju u ghandu jinqasam bejn iz-zewg partijiet. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant ghandu ragun dwar dan l-aggravju. Ghandu jigi rilevat li l-abbli Perit Legali fir-rapport tieghu kien irrakkommanda li dan id-dejn ghandu jinqasam bejn iz-zewg partijiet. Madanakollu, kien zied is-segwenti suggeriment fir-relazzjoni tieghu:

"L-Onorabbli Qorti tista' meta tigi ghall-kunteggi tiddeciedi li dan id-debitu jigi assenjat lill-attur biex jinqatghu l-pendenzi bejn il-partijiet, b'hekk ikun responsabbli ghal dan id-debitu fl-ammont intier, inkluz l-imghax dovut kif komputat, mill-konvenut, u dan l-ammont jitnaqqas minn ammont dovut lill-konvenut specifikament in parti ma' l-ammont ta' Lm17,050 li l-konvenuta ghandha tinghata mill-konvenut…" (fol. 575 tal-process Cit. Nru. 454/92/RCP).

26. Din il-Qorti jidhrilha li dawn id-djun ma ghandhomx ikunu r-responsabbilita` unika ta' l-appellanti, izda minflok ghandhom jithallsu mill-kontendenti, indaqs bejniethom. Ghalhekk dan l-aggravju ta' l-appellant hu gustifikat u qed jintlaqa'.

***(d) LM100 cens fis-sena***

27. L-appellant jaccenna ghall-paragrafu 4(l) tad-dispositiv tas-sentenza appellata u jillanja li fil-paragrafu wiehed tar-relazzjoni peritali ma ssir ebda referenza ghal cans dovut bir-rata ta' LM100 fis-sena b'effett minn Ottubru 1991 sad-data tas-sentenza. Fil-fatt, l-ewwel Qorti f'dan il-paragrafu (l) tirreferi ghall-paragrafu wiehed tar-relazzjoni peritali kif ukoll ghal dak li ssottomettiet l-appellata fl-ahhar paragrafu tal-faccata numru 13 tan-nota ta' sottomissjonijiet taghha (fol. 616 tal-process 454/92).

28. Kif sew jissottometti l-appellant, ir-riferenza msemmija mill-ewwel Qorti ghar-rapport tal-perit legali hija ghall-proprjeta` parafernali ta' Carmen Bonello. A bazi ta' dan il-fatt, u la darba l-appellant ma ghandux l-utile dominium ta' l-istess proprjeta`, ma hemmx raguni ghaliex l-attur ghandu hallas xi cens relattiv. Ghalhekk dan l-aggravju ta' l-appellant qieghed jintlaqa' minn din il-Qorti.

***(e) Pensjoni ta' l-appellanti***

29. L-ewwel Qorti fis-sentenza taghha kkonkludiet li kull pensjoni dovuta lill-appellant ghandha tinqasam bin-nofs bejn il-partijiet. L-appellant hassu aggravat minn din il-

konkluzjoni peress li skond hu, l-ewwel Qorti ma tat ebda raguni ghaliex l-appellata ghandha tippercepixxa nofs il-pensjoni tieghu, meta din kienet gia` ddekadiet mid-dritt taghha li tippercepixxi manteniment minghandu permezz ta’ att pubbiku fl-atti tan-Nutar Carmel Mangion tal-1 ta’ Gunju, 1999.

30. Din il-Qorti ghandha l-istess fehma ta’ l-ewwel Qorti dwar din il-kwistjoni. Fil-fatt hemm differenza bejn “manteniment” u d-dritt tal-mara ghal nofs il-pensjoni ta’ l-appellant proprju peress li pensjoni ma tistax ma titqiesx bhala beneficcju li tippercepih wara li tkun hallast ghalih matul hajja lavorattiva. Jidher li l-kontendenti ghexu flimkien prattikament tul il-hajja lavorattiva taghhom kollha. Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha li l-appellata ghandha dritt ghal nofs il-pensjoni ta’ l-appellant, sewwa sew kif iddecidiet l-ewwel Onorabbli Qorti fil-paragrafu 4(m) tad-dispozittiv.

***(f) Somma tal-pensjoni kapitalizzata percepita mill-appellant***

31. Il-kontendenti hassewhom it-tnejn aggravati bid-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti dwar is-somma kapitalizzata tal-pensjoni ta’ l-attur. Fil-fatt l-ewwel Qorti kkonkludiet, fil-paragrafu 4(o) fid-dispozittiv, li l-appellata ghandha tinghata l-ammont ta’ Lm3,859 mis-somma globali ta’ Lm10,550 percepita mill-appellant bhala somma kapitalizzata ta’ pensjoni. L-ewwel Qorti mxiet fuq ir-rapport tal-Perit Legali. L-appellant ghamel referenza a fol. 66 tal-process 414/92 u qal li hemmhekk l-appellata kienet qalet li hija kienet gia` rceviet Lm5,225 mis-somma in kwistjoni u ghalhekk l-appellant qed jippretendi li huwa ghandu jinghata d-differenza ta’ dan l-ammont minn dak deciz mill-Qorti. Fi kliem iehor, l-appellant qieghed jippretendi li din il-Qorti tordna lill-appellata biex thallsu s-somma ta’ Lm1,366. Din il-Qorti rreferiet a fol. 66 tal-process 414/92 u hemmhekk sabet biss verbal ta’ seduta u ma sabet ebda dikjarazzjoni ta’ l-appellata kif qed jallega l-appellanti.

32. Fin-nuqqas ta’ prova konkreta ta’ dak li huwa sostna fl-aggravju tieghu, din il-Qorti ma tistax tilqa’ l-ilment maghmul minnu. Lanqas tista’ tilqa’ l-aggravju ta’ l-appellata, li tippretendi li jmissha nofs is-somma ta’ Lm10,550, cioe` Lm5,275, peress li fil-fehma ta’ din il-Qorti l-Perit Legali kien qassam is-somma tal-pensjoni skond kif kapitalizzata b’mod gust u ekwu bejn il-kontendenti.

***(g) Dejn dovut minn Carmen Gatt u Elizabeth Muscat u dejn dovut lil Victor Eminyan***

33. L-appellant, fir-rikors ta’ appell tieghu, jigbed l-attenzjoni ta’ din il-Qorti dwar il-fatt li l-ewwel Qorti naqset milli tiddeciedi dwar is-somma dovuta lill-partijiet minn Carmen Gatt u Elizabeth Muscat, u kif ukoll somma ohra dovuta mill-partijiet lil Victor Eminyan.

34. Din il-Qorti taqbel ma’ din is-sottomissjoni ta’ l-appellant u ghalhekk taddotta s-suggeriment tal-Perit Legali (fol. 568 tal-process 454/92), u tassenja l-kreditu ta’ Carmen Gatt u Elizabeth Muscat lill-attur appellant, filwaqt li similment tassenja d-debitu dovut mill-kontendenti a favur ta’ Victor Eminyan lill-appellant, izda b’dan li l-istess appellant ghandu jhallas lill-appellata nofs il-bilanc li jibqa’.

***(i) Aggravji ulterjuri kontenuti fl-appell incidentali ta’ l-appellata..***

35. Din il-Qorti sejra issa titratta l-aggravji ohra msemmija mill-appellata fl-appell incidentali taghha. Fl-ewwel aggravju taghha, hija taghmel referenza ghal xi renti li skondha, zewgha Emanuel Bonello rcieva u li hi qatt ma nghatat nofs dawn l-istess renti. Hija tghid li meta sar il-kuntratt imsemmi mill-Perit Legali, hija rrinunzjat ghal kwalunkwe renti li jsiru dovuti minn dakinhar tal-kuntratt ’il quddiem u mhux dawk li kienu gia` thallsu. Ghalhekk hija qeghda tinsisti li ghandha tinghata minn Emanuel Bonello nofs dawn l-ammonti u cioe` is-somma ta’ Lm2,230.

36. Fit-tieni aggravju taghha, l-appellata tghid li bi zball, l-ewwel Qorti, meta giet biex tikkalkula l-manteniment dovut

b'lura lilha mill-appellant, dik il-Qorti hadet konjizzjoni ta' renti migbura minnha qabel is-separazzjoni *de facto* izda naqset li zzid l-ammont tar-renti l-ohra li Emanuel Bonello gabar abusivament bejn is-sena 1991 u 1999 li kien zamm ghalih. Hija hawnhekk spjegat il-pretensjoni taghha li l-arretrati tal-manteniment dovuti lilha jammontaw ghas-somma komplessiva ta' Lm34,425.

37. Din il-Qorti fliet bir-reqqa l-process dwar dak sottomess mill-konvenuta dwar iz-zewgt aggravji hawn fuq imsemmija u ma tarax li hemm raguni valida li tiggustifika li hija tirrevedi dak deciz mill-ewwel Qorti. Jrid jinghad li l-argumenti tal-perit legali ma kienu xejn *"fallaci"* kif iddeskrivithom l-appellata. Fil-fatt, il-Perit Legali investiga dawn il-kwistjonijiet u kkummenta dwar il-mod konfuz li bih ingabru l-provi u d-diffikulta` kbira li sab biex jistabilixxi rabta bejn allegazzjonijiet u provi (ara fol. 542 tal-process 454/92).

38. Din il-Qorti tikkondividi dan il-kumment ta' l-abbli Perit Legali billi verament ma naqsux l-allegazzjonijiet reciproci ta' gbir ta' flejjes u renti ohra, minghajr dawn ma gew sostanzjati bi provi konkreti fuq liema l-Qorti tista' timxi. Barra minnhekk din il-Qorti ma setghetx ma tiehux ukoll in konsiderazzjoni l-pika esageratissima li hemm bejn iz-zewg kontendenti, pika li ma ghenitx biex il-provi mehtiega jingabru regolarment b'mod ordnat u konsistenti. Ghalhekk din il-Qorti qeghda tichad dawn iz-zewg aggravji ta' l-appellata.

39. L-appellata ressqet ilment dwar l-assenjazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti tal-vetturi Peugeot 405 u Peugeot 205 lir-rispettivi kontendenti. L-appellata tillanja li l-imsemmija Peugeot 405, li giet assenjata lill-appellant ghandha valur ferm aktar gholi mill-valur tal-karozza Peugeot 205 assenjata lilha. Allegat li l-vettura assenjata lilha tiswa biss Lm800 waqt li l-vettura assenjata lill-appellant tiswa Lm4,000. Ghallhekk tippretendi li hija ghandha tigi kompensata mill-appellant fl-ammont ta' Lm1,625.

40. Dan l-aggravju ma jistax jintlaqa’ ghaliex l-appellata ma ssostanzjatx l-allegazzjoni taghha. Specifikatament ma hemm l-ebda stima tal-Peugeot 405 li din il-Qorti tista’ timxi fuqha Ghalhekk din il-Qorti qed tikkonferma dak deciz mill-ewwel Qorti dwar din il-kwistjoni.

41. L-appellata qed tikkritika d-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti li d-dejn dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghandu jinqasam bejn iz-zewg kontendenti skond kif indikat mill-Perit Legali fir-relazzjoni tieghu. L-appellata tallega li dan id-dejn kellu jigi assenjat unikamnet lill-appellant billi matul is-snin 1994 – 2000 kien hu biss li dahhal il-profitti li kien qed jaghmel min-negozju tal-komunjoni.

42. Din il-Qorti jidhrilha li l-Perit Legali, u sussegwentement l-ewwel Qorti, immotivaw sewwa l-konkluzjonijiet taghhom dwar dan u cioe` li dan l-ammont *“jidher li huwa dovut mill-partijiet u salv li hemm xi ‘objections’ pendenti la darba jigi kjarifikat l-ammont proprju dovut mill-partijiet, dan ghandu jithallas ugwalment bejniethom.”* (rapport tal-Perit Legali pg. 64 – process fol. 577 – tal-process 454/92). Din il-Qorti ezaminat il-motiv li l-appellata ressqet in sostenn ta’ l-aggravju taghha u ma sabet ebda raguni gusta biex tvarja d-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti dwar din il-kwistjoni. Ghalhekk dan l-aggravju qieghed jigi respint.

**<u>IV KONKLUZJONI</u>**

43. Ghal dawn il-motivi prevja li tichad l-appell incidentali ta’ l-appellata, u filwaqt li in parti u fis-sens premess qeghda tilqa’ l-appell principali ta’ l-appellant, din il-Qorti qeghda tiddisponi mill-kawza billi:-

1. Tikkonferma s-sentenza appellata fejn din laqghet l-ewwel talba ta’ Emanuel Debono billi ddikjarat s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, izda tirrevokaha fejn it-tort tal-firda nghata biss lill-attur u minflok tiddikjara li l-firda sehhet b’tort tal-kontendenti t-tnejn kif fuq spjegat u wkoll minhabba inkompatibilita` ta’ karattru li rrenda l-hajja konjugali flimkien mhux aktar possibbli u ghalhekk tawtorizza lill-attur li jghix separat a *mensa et thoro* minn mal-konvenuta;

2. Tikkonferma s-sentenza appellata fejn din cahdet it-tieni talba stante li l-konvenuta rrinunzjat ghall-manteniment bil-kuntratt tal-1 ta’ Gunju 1999, fl-atti tan-Nutar Carmelo Mangion.

3. Tikkonferma s-sentenza appellata fejn din laqghet it-tielet talba ta’ l-attur.

4. Tikkonferma s-sentenza appellata fejn din laqghet ir-raba’ talba ta’ l-attur u fejn din illikwidat ir-rimanenti assi tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi u fejn din iddividiet u assenjat l-istess billi tat il-provvedimenti kontenuti fil-paragrafi 4 (a), (b), (c), (e), (f), (h), (i), (j), (m), (n) u (o) tad-dispositiv u fejn ghalhekk ordnat:-

(a) Illi it-tmien t’elef (8,000) sehem tal-Mid Med Bank ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet, flimkien mad-dividendi kollha li aggrixxew fuq l-istess ishma sad-data tad-divizjoni effettiva;

(b) Illi l-partijiet ghandhom ukoll jaqsmu ugwalment bejniethom l-ammont ta’ Lm1,000 depositati fl-Bank of Valletta plc;

(c) Illi l-poloz kollha ta’ asikurazzjoni indikati mill-perit legali u anke msemmija mill-appellant a fol. 639 tal-process Citaz. Numru 414/92 ghandhom ukoll jigu lkoll likwidati u r-rikavat jinqasam bejn iz-zewg partijiet. (CB7).

(e) Illi Emanuel Bonello qed jigi assenjat l-mobbli kollha ezistenti fil-fond “Evita”, Sqaq Imnieqa, Naxxar, kollox kif deskritt mill-istess perit tekniku fl-imsemmi rapport tieghu u wkoll abbazi tar-ragonamenti maghmula mill-Perit Legali, li f’dan il-kaz din il-Qorti qeghda wkoll taddotta;

(f) Illi Carmen Bonello qed tigi assenjata l-vettura Peugeot 205 Reg. No. IAW – 098, filwaqt li r-ragel qed jigi assenjat l-vettura Reg. NO. CAS – 287, liema karozzi gja jinsabu fil-pussess rispettiv ta’ kull parti; il-karozza tal-marka Morris ghandha tinbiegh u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet f’porzjonijiet ugwali bejniethom;

(h) Illi il-kreditu ta' Emanuel Bonello kontra certu Joseph Doublesin skond skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu datata 8 ta' Marzu 1990 u li huwa insinwat fl-ammont ta' Lm16,000 ghandu jinqasam bejn il-partijiet kemm f'dak li huwa kapital u kemm f'dawk li huma interessi;

(i) Illi d-dejn kollu dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni bhala taxxa ghandu jithallas bin-nofs bejn il-partijiet kif gie indikat mill-istess Perit Legali fir-relazzjoni tieghu;

(j) Illi Emmanuel Bonello ghandu jhallas lil Carmen Bonello s-somma ta' sbatax il-elf, u hamsin lira Maltija (Lm17,050) rappresentanti sehmu mill-proprjetajiet li huwa biegh lil terzi u li huwa wahdu inkassa l-prezz taghhom u liema proprjetajiet gew indikati mill-Perit Legali f'paragrafu 26 tar-relazzjoni tieghu, u din il-Qorti taddota r-ragonament tal-Perit Legali f'dan ir-rigward;

(m) kull pensjoni dovuta lil Emanuel Bonello ghandha tinqasam bin-nofs bejn il-partijiet. Nofs l-istess pensjoni li tkun spettanti lil Carmen Bonello ghandha tinbaghat direttament lilha u ghal dan l-iskop kopja ta' din is-sentenza ghandha tigi notifikata lill-persuni u entitajiet li johorgu tali pensjoni sabiex jaderixxu ruhhom ma' l-istess;

(n) Illi Emanuel Bonello ghandu jhallas lil Carmen Bonello wkoll l-ammont ta' elfejn, tmien mija u hamsin lira Maltija (Lm2,850) rappresentanti arretrati ta' manteniment kif ikkalkulati mill-Perit Legali f'paragrafu 3 tar-relazzjoni tieghu;

(o) Illi Emanuel Bonello ghandu wkoll ihallas lill-Carmen Bonello l-ammont ulterjuri ta' tlett elef, tmien mija u disgha u hamsin lira Maltija (Lm3,859) rappresentanti sehmha mis-somma kapitalizzata ta' pensjoni li huwa rcieva.

5. Tirrevoka l-provvedimenti l-ohra kollha moghtija fis-sentenza appellata in konnessjoni mar-raba' talba ta' l-attur, u minflok:-

(d) Tassenja lil Carmen Bonello l-mobbli u l-ghamara kollha ezistenti fid-dar konjugali "l-Orangerie", Triq l-Uqija, ta' l-Ibragg, kif deskritti fir-rapport tekniku ta' Alfred Camenzuli, u dan kif determinat ukoll mill-istess Perit Legali Dr. Peter Fenech, b'dan li Emanuel Bonello ghandu jigi kkumpensat bl-ammont ta' tmient elef mitejn u hamsa u sittin Lira Maltin (Lm8,265) li ghandhom jigu mhallsa lilu minn martu u wkoll l-istess Carmen Bonello ghandha tikkonsenja lil zewgha tlett vazuni kbar hemm indikati:

(g) Tikkundanna lil Emanuel Bonello li jhallas lil Carmen Bonello s-somma ta' hamest elef tlett mija u sitta u hamsin Lira Maltija (Lm5,365.50) rappresentanti nofs l-ammont tas-somma ta' ghaxart elef seba' mija u wiehed u tletin Lira Maltija (Lm10,731) li l-attur jammetti li zbanka meta telaq mid-dar konjugali;

(k) Tordna li kull dejn dovut lil Vincent Borg, Alfred Borg u lil Ministeru ta' l-Ambjent kif indikat fil-paragrafu 28 tar-relazzjoni peritali ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

(l) Tassenja l-kreditu ta' Carmen Gatt u Elizabeth Muscat favur il-kontendenti lil Emanuel Bonello u similment tassenja d-debitu mill-kontendenti favur Victor Eminyan lil Emanuel Bonello, izda b'dan li Emanuel Bonello ghandu jhallas lil Carmen Bonello nofs ir-rimanenti bilanc u dan skond kif indikat fil-paragrafi 23, 24 u 25 tar-relazzjoni tal-Perit Legali.

6. Tikkonferma s-sentenza appellata fejn din cahdet il-hames (5), is-sitt (6) u s-seba' (7) talba ta' l-attur.

7. Fl-ahharnett tirrevoka s-sentenza appellata fejn din ordnat li l-ispejjez tal-kawza ghandhom jibqghu a karigu ta' l-attur u minflok tordna li l-ispejjez kemm ta' l-ewwel stanza kif ukoll ta' din it-tieni stanza ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti u inoltre tikkonferma l-provvediment applikat mill-ewwel Qorti ai termini tal-paragrafu 10 ta' l-iskeda "A" tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront taz-zewg kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------